# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 339/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Cini**
**George Sultana**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Joseph Cini** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36155(G) u **George Sultana** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36665(G) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tal-10.00am u fil-jiem ta' qabel fiż-Żebbuġ – Għawdex:

1. kkommettew vjolazzjoni ta' proprjeta' kontra l-proprjeta' ta' Joseph Saliba, Rev. Fr. Emanuel Saliba, Fabiana Grech u

Angelina Schembri meta daħlu u għaddew bla dritt mill-istess proprjeta' ċioè mill-għalqa magħrufa bħala "Tal-Blata tax-Xwejni" fil-limiti taż-Żebbuġ – Għawdex tal-kejl ta' ċirka 4762mk u aktar minn hekk għaddew minn ġo fiha b'inġenji mekkaniċi;

2. bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, fixklu lil istess Joseph Saliba, Rev. Fr. Emanuel Saliba, Fabiana Grech u Angelina Schembri fil-pussess ta' ħwejjiġhom jew b'mod ieħor kontra l-liġi ddepożitaw kwantita kbira ta' materjal u mbarazz ieħor fl-istess għalqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju 2017 (*a fol.* 142 *et seq.*) fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputati mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom peress li din ma rriżultatx, sabithom ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u wara li rat Artikolu 85(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannathom multa ta' mitejn Euro (€200.00) bejniethom. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll lill-imputati sabiex ineħħu l-materjal u l-imbarazz l-ieħor mill-istess għalqa fi żmien xahar mid-data tas-sentenza. Finalment, l-Ewwel Qorti wara li rat Artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputati jħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mitt Euro u ħames ċenteżmi (€300.05) bħala spejjeż peritali.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-14 ta' Lulju 2017 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-erbgħa (4) ta' Lulju 2017 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u tvarjaha billi tħassar u tirrevoka s-sejbien ta' ħtija għar-rigward it-tieni imputazzjoni u minflok tilliberahom minn kull imputazzjoni u ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. *Da parte* tiegħu, il-konsulent legali tal-*parte civile* ddikjara li kien ser jirrimettu ruħu għall-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellanti, il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-mod pjuttost infeliċi ta kif tmexxiet il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta li fl-ewwel seduta quddiemha, l-Ewwel Qorti appuntat lil Dr. Kevin Mompalao *"biex jisma' x-xhieda, jagħmel aċċess, jiġbor id-dokumenti, jieħu r-ritratti u jirrelata dwar l-akkużi miġjuba kontra l-imputati George Sultana u Joseph Cini"* (*a fol.* 2). Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma semgħet l-ebda xhud u wara numru ta' differimenti quddiemha peress li r-rapport tal-Perit Legali ma kienx għadu lest, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 (*a fol.* 6) il-Perit Legali ppreżenta r-rapport tiegħu u dakinhar stess ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti b'dan illi qabel l-Ewwel Qorti għaddiet biex tat is-sentenza, fil-verbal tas-seduta msemmija hemm mniżżel hekk: *"Il-Qort, rat ir-rapport u tagħmel tagħha r-rapport tal-Perit Legali"* (*a fol.* 6).

Illi fis-sentenza appellata (*a fol.* 142 *et seq.*), l-Ewwel Qorti, wara li niżżlet l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti kienu qed jiġu akkużati, għaddiet biex tillibera lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni u mbagħad ddikjarat li kien qed issibhom ħatja tat-

tieni imputazzjoni u għaddiet biex tagħti l-piena, b'dan illi qabel ma ġara hekk, fis-sentenza ngħad is-segwenti:

> "Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.
>
> Semgħet il-provi [!]
>
> Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Kevin Mompalao.
>
> Il-Qorti tiddikjara li se tagħmel ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Kevin [! ] bħala tagħha."

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem l-ammont kbir ta' xogħol li hemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u dana b'mod speċjali għaliex din il-Qorti fil-veste ta' Maġistrat għamlet żmien tagħmel dak ix-xogħol, pero' fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tfakkarx f'dak li jiddisponi b'mod partikolari Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta speċjalment fejn jingħad li meta l-Qorti tagħti s-sentenza *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*. Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jissottomettu li l-aggravju huwa dwar in-nuqqas ta' prova dwar l-element ta' pussess u tal-att spoljativ. Huma jelenkaw l-elementi ta' Artikolu 85 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħhom instabu ħatja u jsostnu li l-element intenzjonali huwa importanti ferm għaliex l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' *ragion fattasi* jew għal reati oħra. Jisħqu li l-unika prova li ressqu l-kwerelanti u l-Prosekuzzjoni kien Joseph Saliba li qal li kienu jidħlu fuq l-art u anke jipparkjaw fiha. Jgħidu wkoll li l-fatt li l-Perit Legali qal li kien "inklinat" biex jaċċetta l-verżjoni tal-kwerelanti juri li l-prova hija aktar waħda li tgħodd fi proċeduri ċivili milli fi proċeduri kriminali. Jgħidu li hemm nieqes l-element ta' kontroll ġialadarba l-post huwa aċċessibbli. Jisħqu li ma tressqux xhieda li dawn kienu talbu xi permess biex jipparkjaw u li l-fatt li kienu għamlu

Mandat ta' Inibizzjoni u waħħlu l-*cameras* ma jfissirx li akkwistaw il-pussess. Jagħlqu l-aggravju tagħhom billi jgħidu li ma jirriżultax li sar l-att spoljattiv għaliex it-terrapien diġa' kien hemm u li dan jirriżulta mill-pjanta redatta mill-Perit Joseph Mizzi annessa mar-rapport fejn jidhru "*rubble mounds*" f'żewġ postijiet differenti. Jgħidu li Joseph Saliba ma tax x'jifhem li t-terrapien ddaħħal minnhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellanti huwa prinċipalment wieħed ta' apprezzament ta' fatti. Il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellanti jilmentaw li ma kellhiex tinstab ħtija fihom fir-rigward tar-reat maħsub f'Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè dak ir-reat hekk magħruf bħala *ragion fattasi*. Hekk kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuża, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

*In oltre*, ir-reat ma jissusstix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu."[1]

**Ikkunsidrat**

Illi minn eżami akkurat tar-rapport tal-Perit Legali li l-Ewwl Qorti għamlet tagħha jirriżulta li l-Perit Legali għamel distinzjoni bejn dak li kien meħtieġ biex tkun ippruvata l-ewwel imputazzjoni u dak li kien meħtieġ biex tkun ippruvata t-tieni imputazzjoni. Fit-tieni imputazzjoni – dik tar-*ragion fattasi* – huwa biżżejjed li l-pussess jista' jkun materjali iżda jista' jkun wieħed ta' detenzjoni.

Illi f'paragrafu 21 tar-rapport tiegħu (*a fol.* 135 *et seq.*) il-Perit Legali juża l-kliem *"jinklina biex jaċċetta"* u l-appellanti jissottomettu li din hija diċitura li tintuża fil-proċeduri ċivili. Minkejja dan, donnu li l-appellanti sfuġġielhom dak li qal il-Perit Legali f'paragrafu 25 tar-rapport fejn jingħad *"aċċertata l-eżistenza tal-pussess fil-kwerelanti"* u kif ukoll dak li ngħad f'paragrafu 28 fejn ingħad hekk: *"L-esponenti jidhirlu illi fid-dawl ta' dan kollu t-tieni imputazzjoni ċioè dik ta' ragion fattasi bir-rekwiżiti tagħha kif suesposti, tirriżulta sodisfaċentament ippruvata."* Dawn juru li l-Perit Legali kien konvint li kienu

[1] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

ppruvati l-elementi kollha tar-reat taħt Artikolu 85 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar il-pussess jew detenzjoni, l-appellanti jissottomettu li l-Prosekuzzjoni tellgħet xhud wieħed biss u ħadd ma tela' biex jikkonferma jekk il-kwerelanti kinux jippermettu lil xi wħud biex jgħaddu bix-xogħol jew biex ikaħħlu. Għandu jingħad li Artikolu 638(2) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Illi minn dak li xehed Joseph Saliba jirriżulta li huma kienu jużaw l-*area* biex jipparkjaw, kienu għamlu saħansitra *cameras* biex jissorveljaw x'qed isir meta jkun hemm bżonn u ma hemmx raġuni għala wieħed ma jemminx li ġieli kienu jittoleraw lil xi persuni jgħaddu bix-xogħlijiet jew forsi biex ikaħħlu. Dawn huma kollha provi li l-kwerelanti kellhom xi forma ta' detenzjoni tal-post u l-antenat tagħhom anke poġġa xi ġebel biex jintuża. In fatti Saliba jagħmel differenza bejn *rubble mounds* u oħrajn u jindika fuq liema naħa hija ċċentrata l-kwistjoni odjerna. Huwa xehed hekk: *"Ir-rubble mounds li mmarka l-Perit Mizzi fuq il-pjanta fil-parti fejn illum hemm il-kwistjoni huwa terrapien li kien poġġa missieri u kien ġebel tas-sejjieħ intiż biex jintuża. Qatt ma kien hemm kwistjoni fuqu"* (*a fol.* 15).

Illi fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** (Numru 42/2004) din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal sentenza oħra mogħtija fil-15 ta' Novembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro** fejn ingħad hekk:

> "Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi, *"il-pussess materjali jew detenzjoni, hu sufficjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi"* (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min

> ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu l-pussess materjali ta' dak l-oġġett. Taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk."

Illi l-appellanti jissottomettu wkoll li l-fatt li jkun ċedut xi Mandat ta' Inibizzjoni ma jfissirx li int issa għandek il-pussess. Imma mill-provi prodotti hemm biżżejjed biex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-kwerelanti kellhom il-pussess jew detenzjoni. Jekk tneħħa l-Mandat ta' Inibizzjoni allura żgur li mar kollox fl-i*status quo ante*.

Illi l-att spoljattiv jirriżulta mir-ritratti, mill-konferma fuq min huma rreġistrati l-vetturi li jidhru fir-ritratti u fil-ħin u l-jum li juru r-ritratti li jikkorispondu mad-dettalji taċ-ċitazzjoni. L-appellanti jissottomettu li t-terrapien kien diġa' fuq il-post u kulma sar kien li tferrex. Għandu jingħad li għar-*ragion fattasi* m'hemmx għalfejn iġġib xi ħaġa "minn barra" pero' huwa biżżejjed li tuża xi ħaġa li tkun fuq il-post li jkun ħallieha ħadd ieħor – għar-raġunijiet tiegħu. Jirriżulta li f''dan il-każ l-entraturi ġew imbarrati. B'hekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi* ġie sodisfatt.

Illi dwar it-tieni element li l-att isir b'eżerċizzju tad-dritt għandu jingħad li dan ġie pruvat bil-mod kif l-appellanti daħħlu l-inġenji fuq il-post.

Illi dwar it-tielet element u ċioè l-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di *privato braccio* dak li jmissu sar permezz tal-awtorita' pubblika għandu jingħad li dan l-element ġie ppruvat ukoll għaliex jekk tvanta xi forma ta' titolu u dan qed ikun ikkontestat, ir-rimedju għandu jingħata mill-Qorti dwar min għandu raġun u mhux wieħed jaqbad u jieħu l-liġi b'idejh.

Illi dwar l-aħħar element u ċioè dwar in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi, għandu jingħad li ma nġabet ebda prova li l-appellanti kellhom xi titolu fuq l-art in kwistjoni. B'hekk anke dan l-element ġie ppruvat ukoll.

Illi fid-dawl ta' dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' iġiegħelha titbiegħed mill-konkluzjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Joseph Cini u George Sultana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi l-ordni mogħtija mill-Ewwel Qorti sabiex jitneħħa l-materjal u l-imbarazz l-ieħor mill-għalqa fi żmien xahar għandu jibda jiddekorri mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**